Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

N°: 38/16

**AVVIŻI**

**18 ta' Settembru 2016**

---------------

Il-ġabra tal-lum tmur għall-Knisja fl-Art Imqaddsa

---------------

Nhar it-Tnejn 19 sa jsir BBQ għal dawk li għamlu l-Griżma fl-aħħar sentejn. Niltaqgħu ħdejn ta' Fra Ben il-Qawra fis-6pm. Kulħadd iġib miegħu l-ikel li jixtieq isajjar.

Nhar it-Tlieta 20 niċċelebraw il-Festa ta' San Ġużepp ta' Copertino patrun tal-istudenti. Fil-quddiesa tas-7pm jitbierku l-basktijiet tal-iskola.

Nhar il-Ġimgħa 23 sa ssir laqgħa għall-ġenituri tat-tfal kollha li jattendu għall-katekeżi fil-parroċċa. Din il-laqgħa sa ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7pm. Din hija laqgħa importanti għaliex fiha sa jingħataw id-dettalji kollha meħtieġa.

Il-Moviment ta' Kana qiegħed jistieden lill-operaturi pastorali fil-qasam tal-familja biex jattendu għall-Assemblea Familja nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru fis-6pm fl-Istitut Kattoliku il-Furjana.